**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 447/13**

**Illum: 13 ta' Marzu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Anthony Meachen**
**(ID 313680(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Anthony Meachen ta' 32 sena, iben Stephen u Maria Dolores nee` Saliba, imwieled il-Pieta`, nhar it-3 ta' Lulju 1980, residenti 23, Flat 1, Triq in-Noqra, Birżebbuġa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 313680(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Diċembru 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi

(G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba tittratta mal-imputat bħala wieħed li kkommetta t-tali reati li għalihom hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. fit-18 ta' Marzu 2011.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wieġeb illi mhuwiex ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu;

Rat ukoll illi l-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2016, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi dan kien każ ta' *trafficking by sharing*;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

L-Ispettur Jonathan J. Fenech[1] xehed illi fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Diċembru 2012 il-Pulizija kienet impenjata b'diversi spezzjonijiet f'diskoteki u postijiet ta' divertiment madwar Malta. Il-Maġġur 536 Jason Caruana[2], PS 923 Pierre Guido Saliba[3] u PC 642 Joseph Camilleri[4] xehdu dwar l-involviment tagħhom f'dan il-każ u spjegaw illi fil-lejl in kwistjoni, huma kienu qegħdin jagħmlu spezzjonijiet ġewwa d-diskoteka Tattingers, li tinsab fit-telgħa tas-Saqqajja, ir-Rabat. PS 923 u l-Maġġur Caruana xehdu illi marru ħdejn it-*toilets*, fetħu l-bieb ta' *toilet* minnhom u hemmhekk sabu żewġ persuni ossia lill-imputat odjern u ċertu Keith Delia. Dan tal-aħħar kien ma' ġenb it-*toilet*, fil-waqt illi l-imputat kellu *mobile* f'idu, liema *mobile* kellu xi trab abjad fuqu. Kif appena l-uffiċjali tal-Pulizija daħlu fit-*toilet*, huma identifikaw ruħhom bħala pulizija. Dak il-ħin stess l-imputat qaleb il-*mobile* wiċċu l-isfel u t-trab ta' fuqu waqa' fit-*toilet*. Dak il-ħin żammew id l-imputat u ħadulu l-*mobile*. Sussegwentement, saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u nstabu erba' pakketti li fihom kien hemm trab abjad, erba' mitt ewro (€400) u karta tal-għaxar ewro (€10) irrumblata. Huwa ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-pulizija fil-25 ta' Diċembru 2012.[5]

L-Ispettur Johann J. Fenech, in kontro-eżami, xehed illi dan kien każ ta' *trafficking by sharing*.

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[6] maħtur f'dawn il-proċeduri, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella li ġo fih kien hemm *evidence bag* li fiha kien hemm:

(1) Karta bil-kliem Data: <u>25/12/12</u> Ħin: <u>00:45am</u> Elevat/i minn <u>ġol-but fuq il-persuna Anthony Meachen fit-toilet tat Tatengers Rabat 4</u>

---

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 23 sa 26 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 8 u 9 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 6 u 7 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 19 sa 21 tal-proċess.
[5] Din tinsab esebita a fol 27 u 28 tal-proċess.
[6] Ara din ir-relazzjoni a fol. 41 sa 49 tal-proċess.

sachets cocaine – 3.8g fil-preżenza ta' Anthony Meachen 313680(M) minn PS536, PC923, PC642;

(2) €10 irromblata; u

(3) 4 qratas tal-plastik li fihom sustanza ta' lewn abjad.

Dwar dan id-dokument, l-espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

a) Illi fuq estratt meħud minn fuq l-€10 ma nstabitx droga;

b) Illi fuq estratt meħud minn fuq is-sustanza ta' lewn bajda, instabet is-sustanza kokaina. Il-piż total tas-sustanza kien ta' 3.06 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-istess relazzjoni, jirriżulta wkoll illi s-sustanza kokaina kienet maqsuma f'erba' qratas b'piż rispettiv ta' 0.41 grammi, 0.84 grammi, 0.91 grammi u 0.90 grammi.

**Ikkunsidrat**:

Qabel tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu, il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Jirriżulta mill-atti illi l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija fil-25 ta' Diċembru 2012 wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara li ngħata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. L-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, stante illi dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali riċentement fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, li timpinġi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Claire Farrugia**</u>, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella**</u> tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-

appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija bħala inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jibda biex jingħad illi jirriżulta ċar illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' erba' pakketti li kienu jikkontjenu s-sustanza kokaina. Għaldaqstant, l-imputazzjoni (b) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Jirriżulta wkoll illi l-istess imputat inqabad *in flagrante* b'*mobile phone* f'idu, fuq liema *mobile* kien hemm trab abjad u dan waqt li kien qiegħed f'*toilet cubicle* flimkien ma' terza persuna. Kif ingħad, fil-pussess tiegħu, apparti d-droga kokaina, instabet ukoll karta rrumblata tal-għaxar ewro.

Għalkemm it-trab li ġie osservat fuq il-*mobile phone* ma setax jiġi analizzat stante illi l-imputat laħaq remieh fit-*toilet* hekk kif daħlu l-pulizija fuqu, biss il-provi ċirkostanzjali huma univoċi. Apparti illi huwa evidenti illi l-imputat rema t-trab li kellu fuq il-*mobile phone* fit-*toilet* hekk kif il-pulizija identifikat ruħha bħali tali, proprju għaliex kien jaf ben tajjeb x'kienet, żewġ ġuvintur flimkien f'*toilet cubicle*, b'*mobile phone* bit-trab abjad fuqu f'id wieħed minnhom, bid-droga kokaina fil-but u b'karta tal-flus irrumblata ma jħallu l-ebda dubju dwar x'kienu qed jagħmlu dak il-ħin l-imputat u Delia fit-*toilet cubicle* u ċioe` illi l-ħsieb tagħhom kien proprju illi jużaw id-droga kokaina. Tenut kont ukoll tal-

fatt illi kien l-imputat li nstab bil-*mobile phone* f'idu u li kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina, kif ukoll l-karta tal-flus irrumblata, lesta għat-teħid tad-droga, fil-waqt illi ma jirriżultax illi Delia kellu d-droga fil-pussess tiegħu, il-Qorti lanqas m'għandha dubju illi d-droga fuq il-*mobile phone* kienet tal-istess imputat. Tinnota wkoll il-Qorti f'dan ir-rigward, illi wieħed mill-pakketti bil-kokaina misjuba fil-pussess tal-imputat kellu nofs il-piż tal-pakketti l-oħrajn; ċirkostanza oħra din li tkompli timmilita favur il-konklużjoni illi t-trab ossia d-droga fuq il-*mobile phone* kienet tal-imputat odjern. Dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-imputat kien qed joffri mid-droga kokaina li kellu fil-pussess tiegħu lil Delia u għaldaqstant, minkejja li ma tirriżultax il-prova illi Delia diġa` kien uża minn dik id-droga, ir-reat ta' traffikar da parti tal-imputat kien fi kwalunkwe każ komplut. Biss huwa wkoll evidenti miċ-ċirkostanzi li fihom instabu l-imputat u Delia, illi d-droga kienet ser tiġi kkunsmata fl-istess post u fl-istess ħin u fin-nuqqas ta' prova illi kien ser isir xi ħlas da parti ta' Delia, il-Qorti tqis illi kif tajjeb sostniet il-Prosekuzzjoni dan kien każ ta' traffikar *by sharing* u li għalhekk għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, b'dan illi dan kien każ ta' traffikar *by sharing* u b'dan ukoll illi kemm din l-imputazzjoni, kif ukoll l-imputazzjoni (b) jirriżultaw ippruvati biss in kwantu l-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Diċembru 2012 u mhux ix-xhur ta' qabel din id-data.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex titratta mal-imputat talli kkommetta dawn ir-reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża, mogħtija minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit fit-18 ta' Marzu 2011. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza datata 18 ta' Marzu 2011, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Anthony Meachen', mil-liema jirriżulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dik is-sentenza huwa identiku għal dak tal-imputat odjern. Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Jirriżulta wkoll illi permezz tal-istess sentenza, l-imputat ġie kkundannat għal piena ta' għoxrin (20) xahar priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew sospiżi għal tliet snin. Dan ifisser illi r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat odjern proprju fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aġġornata tal-imputat li minnha jirriżulta illi wara l-każ odjern, l-imputat ma reġax kellu skontri oħrajn mal-ġustizzja.

Qegħda tqis ukoll il-piż tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat u in oltre illi fit-trattazzjoni tagħha, il-Prosekuzzjoni mhijiex tinsisti illi l-piena ta' priġunerija sospiża mertu tas-sentenza fuq indikata għandha tinġieb fis-seħħ. Tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti ma tqisx illi għandha ġġib fis-seħħ din il-piena ta' priġunerija, iżda qegħda minflok tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu (dan biss in kwantu dawn jirreferu għal-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Diċembru 2012 u mhux għax-xhur ta' qabel din id-data), iżda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum u tikkundannah għal piena ta' multa ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850).

Wara li rat l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u għar-ragunijiet fuq indikati, il-Qorti qegħda titratta mal-ħati dwar is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit, fit-18 ta' Marzu 2011, permezz ta' liema sentenza huwa kien ġie kkundannat għal piena ta' għoxrin xahar priġunerija sospiżi għal tliet snin, billi tordna illi l-perijodu operattiv ta' tliet snin jerġa' jibda jiddekkorri mill-ġdid mil-lum stess.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata, kif ukoll kemm il-darba jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża. Wissiet lill-ħati wkoll illi l-benefiċċcju mogħti mil-liġi fil-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap 101, japplika darba biss.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut maħtur f'dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' mitejn, sebgħa u sebgħin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€277.11). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahrejn mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga formanti parti minn Dokument JF, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu

jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna l-konfiska tas-somma ta' għaxar ewro (€10) formanti parti minn Dokument JF favur il-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat